MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Numru. 276/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**v**

**Francois Saliba bin Paul u Lucy nee' Saliba, imwieled fid-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1981, u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita numru 27181(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **FRANCOIS SALIBA** bin Paul u Lucy nee' Saliba, imwieled fid-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1981, u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita numru 27181(G) gie

mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sitta ta’ April 2005 ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar fl-inhawi maghrufa ta’ Qrewes limiti tal-Ghasri, Ghawdex:-

1. kien jikkaccja jew jipprova jikkaccja b’arma tan-nar numru A58821 tal-marka Luigi Franchi minghajr licenzja valida tal-Pulizija;

2. u b’hekk ma kellux polza ta’ l-assikurazzjoni ghal hsara lil terzi jew hsara fil-proprjeta’ taghhom;

3. talli garr arma tan-nar, fuq indikata, biex ifittex jew jigri wara jew jikkaccja jew jipprova jikkaccja xi ghasfur minghajr ma kellek fuq il-persuna tieghu l-karta ta’ l-identita’ jew xi mezz iehor ta’ identifikazzjoni taghha u l-licenzja adatta ghal dik l-attivita mahruga taht dawn ir-regolamenti jew taht xi ligi ohra;

4. talli zamm go fond 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex arma tan-nar nru. A58821 tal-marka Luigi Franchi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli naqas li jgedded il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista’ jzomm l-imsemmi senter ghas-snin 2003, 2004 u 2005;

6. talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn WPS 160 J. Camilleri, ufficcjal inkarigat minn servizz pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija barra l-piena stabbilita mill-Ligi, tikkonfiska l-arma tan-nar u timpedixxih milli jkollu jew jottjeni licenzja tal-kacca ghal perjodu li jidrilha xieraq.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil WPS 160 Josephine Camilleri u lil PC 1506 Lewis Calleja.

Rat d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' Jannar 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b'eccezzjnoi tas-sitt akkuza, stante li ma giet ppruvata sodisfacentement.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1) u 24 tal-Kap 66, l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 41 tas-sena 2003 Skeda VI, 1(c), (4A) u 7(A), **tiddikjara li ssib lil imputat FRANCOIS SALIBA hati tal-ewwel hames akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt lira maltin u ma ssibux hati tas-sitt akkuza stante li ma tirrisultax pprovata sodisfacentement u tilliberah minnha.**

**Tordna wkoll l-konfiska tal-arma tan-nar numru A58821 tal-marka Luigi Franchi favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti takkorda zmien erbat ijiem ghal hlas tal-multa b'dan li l-pagamenti jsiru f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin bl-ewwel pagement ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' Frar 2006.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------